IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2024
COM(2024) 281 final

ANNEX

ANNESS

tal-Proposta għal

deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

ANNESS

(abbozz)

Ftehim

bejn

l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża

dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Libaniża għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

kif ukoll

IR-REPUBBLIKA LIBANIŻA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Libanu",

minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien bħala "il-Partijiet"

Wara LI KKUNSIDRAW ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI[1], "ir-Regolament tal-Eurojust", kif applikat f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 47, l-Artikolu 52(1) u l-Artikolu 56(2) tar-Regolament tal-Eurojust,

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU EU, 21.11.2018, L 295 p. 138).

Wara LI KKUNSIDRAW, b'mod partikolari, l-Artikolu 56(2), il-punt (c) tar-Regolament tal-Eurojust, li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għat-trasferiment ta' *data* personali mill-Eurojust lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u li skonthom il-Eurojust tista' tittrasferixxi *data* personali lejn pajjiż terz abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Filwaqt LI JIKKUNSIDRAW l-interessi kemm tal-Eurojust kif ukoll tal-Libanu fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib u dinamika f'materji kriminali biex jiġu indirizzati l-isfidi maħluqa mill-kriminalità serja, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inkluża l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali;

KONVINTI li l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Eurojust u l-Libanu se tkun ta' benefiċċju reċiproku u tgħin fl-iżvilupp tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-Unjoni; kif ukoll il-Libanu fl-indirizzar, b'mod partikolari, tal-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus/il-kriminalità finanzjarja,

Filwaqt LI JIRRISPETTAW il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (ETS Nru 5) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, magħmula f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u li hija riflessa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u fil-kostituzzjoni tal-Libanu,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Kapitolu I

Objettivi, kamp ta' applikazzjoni u dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 1

Objettivi

1. L-objettiv ġenerali ta' dan il-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

2. Dan il-Ftehim jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu, sabiex tiġi appoġġata u msaħħa l-azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni u dawk tal-Libanu, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità serja, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, filwaqt li jiġu żgurati salvagwardji xierqa fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, inklużi l-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu jikkooperaw fl-oqsma tal-attivitajiet u fi ħdan il-kompetenza u l-kompiti tal-Eurojust, kif stabbilit fir-Regolament dwar l-Eurojust, kif applikat f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u f'dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Eurojust" tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, stabbilita mir-Regolament tal-Eurojust, inkluża kwalunkwe emenda li ssir wara għaliha;

(2) "Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(3) "awtorità kompetenti" tfisser, għall-Unjoni, il-Eurojust u, għal-Libanu, awtorità domestika b'responsabbiltajiet skont il-liġi domestika relatati mal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inkluża l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali; kif elenkati fl-Anness II ta' dan il-Ftehim;

(4) "Korpi tal-Unjoni" tfisser istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji, kif ukoll missjonijiet jew operazzjonijiet stabbiliti skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, stabbiliti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew abbażi tagħhom, kif elenkati fl-Anness III ta' dan il-Ftehim;

(5) "reat serju" tfisser il-forom ta' kriminalità fil-kompetenza tal-Eurojust, b'mod partikolari dawk elenkati fl-Anness I ta' dan il-Ftehim, inklużi reati kriminali relatati;

(6) “reati kriminali relatati” tfisser ir-reati kriminali mwettqa sabiex jinkisbu l-mezzi għat-twettiq ta’ reati serji, sabiex jiġu ffaċilitati jew jitwettqu reati serji jew sabiex tiġi żgurata l-impunità għal dawk li jwettqu reati serji;

(7) “Assistent” tfisser persuna li tista’ tassisti lil Membru Nazzjonali, kif imsemmi fil-Kapitolu II, it-Taqsima II, tar-Regolament tal-Eurojust, u l-Viċi Membru Nazzjonali, jew il-Prosekutur ta’ Kollegament, kif imsemmi fir-Regolament dwar il-Eurojust u fl-Artikolu 5 ta’ dan il-Ftehim rispettivament;

(8) “Prosekutur ta’ Kollegament” tfisser persuna li għandha l-funzjoni ta’ prosekutur pubbliku, imħallef jew persuna b’kompetenza ekwivalenti fil-Libanu f’konformità mal-liġi domestika tiegħu u li tkun issekondata lill-Eurojust mil-Libanu, skont l-Artikolu 5 ta’ dan il-Ftehim;

(9) “Maġistrat ta’ Kollegament” tfisser maġistrat kif imsemmi fir-Regolament tal-Eurojust, li jiġi stazzjonat mill-Eurojust fil-Libanu skont l-Artikolu 8 ta’ dan il-Ftehim;

(10) “*data* personali” tfisser kwalunkwe *data* relatata ma’ suġġett tad-*data*;

(11) “proċessar” tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta’ operazzjonijiet li jitwettqu fuq *data* personali jew settijiet ta’ *data* personali, kemm jekk b’mezzi awtomatiċi jew le, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew it-tibdil, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, id-divulgazzjoni bi trażmissjoni, it-tixrid jew modi oħra li jrenduha disponibbli, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(12) “suġġett tad-*data*” tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli; persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal mezz ta’ identifikazzjoni bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, *data* ta’ lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna;

(13) “*data* ġenetika” tfisser id-*data* personali relatata mal-karatteristiċi ġenetiċi tal-individwu li jkunu ntirtu jew inkisbu, li tagħti informazzjoni unika dwar il-fiżjoloġija jew is-saħħa ta’ dak l-individwu, li tirriżulta b’mod partikolari minn analiżi ta’ kampjun bijoloġiku tal-individwu inkwistjoni;

(14) “*data* bijometrika” tfisser *data* personali li tirriżulta mill-ipproċessar tekniku speċifiku relatat mal-karatteristiċi fiżiċi, fiżjoloġiċi jew komportamentali ta’ persuna fiżika, li tippermetti jew tikkonferma l-identifikazzjoni unika ta’ dik il-persuna fiżika, bħal immaġnijiet tal-wiċċ jew *data* dattiloskopika;

(15) “informazzjoni” tfisser *data* personali u mhux personali;

(16) “ksur ta’ *data* personali” tfisser ksur tas-sigurtà li jwassal għal qerda aċċidentali jew illegali, telf, bidliet, divulgazzjoni mhux awtorizzata jew aċċess għal *data* personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b’xi mod ieħor;

(17) “Awtorità Superviżorja” tfisser, għall-Unjoni, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, u, għal-Libanu, awtorità pubblika indipendenti domestika responsabbli mill-protezzjoni tad-*data* kif stabbilit fl-Artikolu 21, u li kienet soġġetta għal notifika skont l-Artikolu 28(3).

Artikolu 4

Punti ta' kuntatt

1. Il-Libanu għandu jaħtar mill-inqas punt ta' kuntatt wieħed fost l-awtoritajiet kompetenti domestiċi tiegħu biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu. Il-punt ta' kuntatt tal-Libanu għandu jinħatar ukoll għal kwistjonijiet ta' terroriżmu. Il-Prosekutur ta' Kollegament ma għandux ikun punt ta' kuntatt.

2. Il-punt ta' kuntatt tal-Libanu għandu jiġi nnotifikat lill-Unjoni. Il-Libanu għandu jinforma lill-Eurojust f'każ li l-punt ta' kuntatt jinbidel.

Artikolu 5

Prosekutur ta' Kollegament u l-persunal

1. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni prevista f'dan il-Ftehim, il-Libanu għandu jissekonda Prosekutur ta' Kollegament għall-Eurojust.

2. Il-Ministru tal-Ġustizzja għandu jaħtar il-Prosekutur ta' Kollegament u l-assistent(i) tiegħu. Il-mandat u t-tul ta' żmien tas-sekondar tal-Prosekutur ta' Kollegament għandhom jiġu ddeterminati mil-Libanu bi qbil mal-Eurojust.

3. Il-Prosekutur ta' Kollegament jista' jkun assistit minn Assistent wieħed jew aktar u persunal ieħor ta' appoġġ, skont l-ammont ta' xogħol u bi qbil mal-Eurojust. Meta jkun meħtieġ, l-Assistenti jistgħu jissostitwixxu lill-Prosekutur ta' Kollegament jew jaġixxu f'ismu.

4. Il-Libanu għandu jiżgura li l-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tal-Prosekutur ta' Kollegament ikunu kompetenti biex jaġixxu fir-rigward tal-awtoritajiet ġudizzjarji barranin.

5. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni li tinsab fir-rekords kriminali domestiċi, fir-reġistri ta' persuni arrestati, fir-reġistri ta' investigazzjoni, fir-reġistri tad-DNA jew f'reġistri oħra tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Libanu fejn tali informazzjoni tkun meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom, f'konformità mal-liġi domestika tiegħu.

6. Il-Prosekutur ta' Kollegament u l-Assistenti tiegħu għandu jkollhom is-setgħa li jikkuntattjaw direttament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

7. Il-Libanu għandu jinforma lill-Eurojust dwar in-natura u l-firxa eżatta tas-setgħat ġudizzjarji li jingħataw lill-Prosekutur ta' Kollegament u lill-Assistenti tiegħu fil-Libanu stess sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan il-Ftehim.

8. Id-dettalji tal-kompiti tal-Prosekutur ta' Kollegament u tal-Assistenti tiegħu, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u l-kostijiet involuti għall-Eurojust għandhom ikunu rregolati minn arranġament ta' ħidma konkluż bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu f'konformità mal-Artikolu 26.

9. Id-dokumenti ta' ħidma tal-Prosekutur ta' Kollegament u tal-Assistenti tiegħu għandhom jitqiesu invjolabbli mill-Eurojust.

Artikolu 6

Laqgħat operazzjonali u strateġiċi

1. Il-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistenti tiegħu u rappreżentanti oħra ta' awtoritajiet kompetenti tal-Libanu, inklużi l-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 4, jistgħu jipparteċipaw f'laqgħat fir-rigward ta' kwistjonijiet strateġiċi fuq stedina tal-President tal-Eurojust u f'laqgħat fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali bl-approvazzjoni tal-Membri Nazzjonali kkonċernati.

2. Il-Membri Nazzjonali, id-Deputati u l-Assistenti tagħhom, id-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust u l-persunal tal-Eurojust jistgħu jattendu laqgħat organizzati mill-Prosekutur ta' Kollegament, l-Assistent(i) tal-Prosekutur ta' Kollegament, jew rappreżentanti oħra ta' awtoritajiet kompetenti tal-Libanu, fosthom il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 7

Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunta

1. Il-Eurojust tista' tassisti lil-Libanu biex jistabbilixxi skwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK) mal-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru skont il-bażi legali applikabbli ta' bejniethom li tippermetti l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħal ftehimiet dwar assistenza reċiproka.

2. Il-Eurojust tista' tintalab tipprovdi assistenza finanzjarja jew teknika biex topera l-SIK li hija tkun tappoġġa operazzjonalment.

Artikolu 8

Maġistrat ta' Kollegament

1. Għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Libanu, il-Eurojust tista' tibgħat Maġistrat ta' Kollegament fil-Libanu f'konformità mar-Regolament tal-Eurojust.

2. Id-dettalji tal-kompiti tal-Maġistrat ta' Kollegament u d-drittijiet u l-obbligi tiegħu kif ukoll il-kostijiet involuti, għandhom ikunu rregolati minn arranġament ta' ħidma konkluż bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu kif imsemmi fl-Artikolu 26.

Kapitolu II

Skambju ta' informazzjoni u protezzjoni tad-*data*

Artikolu 9

Il-finijiet tal-ipproċessar ta' data personali

1. Id-*data* personali mitluba u rċevuta skont dan il-Ftehim għandha tiġi pproċessata biss għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, fil-limiti tal-Artikolu 10(6) u l-mandati rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw b'mod ċar, mhux aktar tard mill-mument tat-trasferiment ta' *data* personali, l-iskop jew l-iskopijiet speċifiċi li għalihom tkun qed tiġi ttrasferita d-*data* personali.

Artikolu 10

Prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-data

1. Kull Parti għandha tipprevedi li d-*data* personali ttrasferita u sussegwentement ipproċessata skont dan il-Ftehim tkun:

   (a) ipproċessata b'mod ġust, legali, b'mod trasparenti u biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ittrasferita f'konformità mal-Artikolu 9;

   (b) adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva għall-fini(jiet) li għalih tiġi pproċessata;

   (c) tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata; kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu kull pass raġonevoli biex jiżguraw li d-*data* personali li ma tkunx preċiża, filwaqt li jitqiesu l-finijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tiġi rettifikata mingħajr dewmien żejjed;

   (d) tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal mhux aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-*data* personali tkun qed tiġi pproċessata;

   (e) ipproċessata b'mod li jiżgura s-sigurtà xierqa tad-*data* personali, inkluż il-protezzjoni kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telfien, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa.

2. L-awtorità kompetenti li tittrasferixxi d-*data* personali ("l-awtorità trasferenti") tista' tindika, fil-mument tat-trasferiment tad-*data* personali, kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess għaliha jew l-użu li għandu jsir minnha, f'termini ġenerali jew speċifiċi, inkluż fir-rigward tat-trasferiment ulterjuri, it-tħassir jew il-qerda tagħha wara ċertu perjodu ta' żmien, jew l-ipproċessar ulterjuri tagħha. Meta l-ħtieġa għal tali restrizzjonijiet issir evidenti wara t-trasferiment ta' *data* personali, l-awtorità trasferenti għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tirċievi d-*data* personali ("l-awtorità riċeventi") kif xieraq.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità riċeventi tikkonforma ma' kwalunkwe restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali jew l-użu tagħha indikata mill-awtorità trasferenti kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex ikunu jistgħu juru li l-ipproċessar tad-*data* jikkonforma ma' dan il-Ftehim u li d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* kkonċernati jkunu protetti.

5. Kull Parti għandha tikkonforma mas-salvagwardji previsti f'dan il-Ftehim irrispettivament min-nazzjonalità tas-suġġett tad-*data* kkonċernat u mingħajr diskriminazzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim ma tkunx inkisbet bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti mil-liġi internazzjonali li torbot lill-Partijiet.

   Kull Parti għandha tiżgura li d-*data* personali riċevuta ma tintużax biex tintalab, tingħata jew tiġi eżegwita l-piena tal-mewt jew kwalunkwe forma ta' trattament krudili jew inuman. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mad-dispożizzjoni ta' hawn fuq, il-Libanu se jinnotifika lill-Eurojust bil-lista ta' reati kriminali li huma punibbli bil-mewt f'konformità mas-sistema legali nazzjonali tiegħu, kif ukoll kwalunkwe bidla sussegwenti f'din il-lista.

7. Kull Parti għandha tiżgura li jinżamm rekord tat-trasferimenti kollha tad-*data* personali skont dan l-Artikolu u tal-finijiet ta' tali trasferimenti.

Artikolu 11

Kategoriji ta' suġġetti tad-data u kategoriji speċjali ta' data personali

1. It-trasferiment ta' *data* personali fir-rigward ta' vittmi ta' reat kriminali, xhieda jew persuni oħra li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali għandu jkun permess biss meta strettament meħtieġ u proporzjonat f'każijiet individwali għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat serju.

2. L-ipproċessar ta' *data* personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija ma' trade union, u l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, ta' *data* bijometrika bil-għan li tiġi identifika b'mod uniku persuna fiżika, ta' *data* dwar is-saħħa jew ta' *data* li tikkonċerna l-ħajja sesswali jew orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika, għandu jkun permess biss meta verament ikun meħtieġ, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' *data* personali skont il-paragrafu 1 u 2 ikun soġġett għal salvagwardji addizzjonali, inklużi restrizzjonijiet fuq l-aċċess, miżuri ta' sigurtà addizzjonali u restrizzjonijiet fuq trasferimenti ulterjuri.

Artikolu 12

Ipproċessar awtomatizzat ta' data personali

Deċiżjonijiet li jkunu bbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' *data* personali ttrasferita, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċu effett legali negattiv fuq is-suġġett tad-*data* jew jaffettwawh b'mod sinifikanti, għandhom ikunu pprojbiti, dment li ma jkunux awtorizzati bil-liġi, għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat serju, li tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*, inkluż mill-inqas id-dritt li jinkiseb intervent tal-bniedem.

Artikolu 13

Trasferiment ulterjuri tad-data personali li tiġi rċevuta

1. Il-Libanu għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu *data* personali riċevuta skont dan il-Ftehim lil awtoritajiet oħra tal-Libanu, dment li ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) Il-Eurojust tkun tat l-awtorizzazzjoni espliċita tagħha minn qabel;

   (b) it-trasferiment ulterjuri jkun biss għall-fini li għalih id-*data* tkun ġiet ittrasferita f'konformità mal-Artikolu 9; kif ukoll

   (c) it-trasferiment huwa soġġett għall-istess kundizzjonijiet u salvagwardji bħal dawk li japplikaw għat-trasferiment oriġinali.

   Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2), ma hija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni minn qabel meta d-*data* personali tiġi kondiviża fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

2. Il-Libanu għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu *data* personali riċevuta skont dan il-Ftehim lil awtoritajiet ta' pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali, dment li ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) it-trasferiment ulterjuri jikkonċerna *data* personali għajr dik koperta mill-Artikolu 11;

   (b) Il-Eurojust tkun tat l-awtorizzazzjoni espliċita tagħha minn qabel; kif ukoll

   (c) l-għan tat-trasferiment ulterjuri huwa l-istess bħall-iskop tat-trasferiment mill-Eurojust.

3. Il-Eurojust għandha tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha skont il-paragrafu 2, il-punt (b), biss jekk u meta jkunu fis-seħħ deċiżjoni ta' adegwatezza, ftehim ta' kooperazzjoni, jew ftehim internazzjonali li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, skont it-tifsira tar-Regolament tal-Eurojust, li f'kull każ ikopri t-trasferiment ulterjuri.

4. L-Unjoni għandha tiżgura li l-Eurojust ma titħalliex titrasferixxi *data* personali riċevuta skont dan il-Ftehim lill-korpi tal-Unjoni mhux elenkati fl-Anness III, lill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali, sakemm ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) it-trasferiment jikkonċerna d-*data* personali għajr dik koperta mill-Artikolu 11;

   (b) il-Libanu jkun ta l-awtorizzazzjoni espliċita tiegħu minn qabel;

   (c) l-għan tat-trasferiment ulterjuri huwa l-istess bħall-iskop tat-trasferiment mill-awtorità trasferenti tal-Libanu; kif ukoll

   (d) f'każ tat-trasferiment ulterjuri lill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali, meta jkunu fis-seħħ deċiżjoni ta' adegwatezza, ftehim ta' kooperazzjoni, jew ftehim internazzjonali li jipprevedi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, skont it-tifsira tar-Regolament tal-Eurojust, li f'kull każ ikopri t-trasferiment ulterjuri.

Il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma japplikawx meta d-*data* personali tiġi kondiviża mill-Eurojust mal-korpi tal-Unjoni elenkati fl-Anness III jew mal-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji.

Artikolu 14

Dritt ta' aċċess

1. Il-partijiet għandhom jipprovdu lis-suġġett tad-*data* bid-dritt li jikseb konferma mill-awtoritajiet li jipproċessaw id-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim dwar jekk id-*data* personali relatata miegħu tkunx qed tiġi pproċessata jew le skont dan il-Ftehim, u fejn dan ikun il-każ, aċċess għal mill-inqas l-informazzjoni dwar li ġej:

   (a) il-finijiet u l-bażi ġuridika għall-ipproċessar, il-kategoriji tad-*data* kkonċernata, u, fejn applikabbli, ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew se tiġi żvelata d-*data* personali;

   (b) l-eżistenza tad-dritt li tinġieb mingħand l-awtorità ir-rettifika jew it-tħassir, jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data* personali;

   (c) fejn possibbli, il-perjodu mbassar li matulu d-*data* personali tkun se tinħażen, jew jekk mhux possibbli, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perjodu;

   (d) il-komunikazzjoni, b'lingwaġġ ċar u sempliċi, tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata u ta' kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar is-sorsi ta' dik id-*data*;

   (e) id-dritt li jitressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 21 u d-dettalji ta' kuntatt tagħha.

   F'każijiet fejn jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità trasferenti għandha tiġi kkonsultata fuq bażi mhux vinkolanti qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar it-talba għall-aċċess.

2. Il-partijiet għandhom jipprevedu li l-awtorità kkonċernata tindirizza t-talba mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tasal it-talba.

3. Il-partijiet jistgħu jipprevedu l-possibbiltà li jdewmu, jirrifjutaw jew jirrestrinġu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sa fejn u sakemm tali dewmien, rifjut jew restrizzjoni jikkostitwixxu miżura li tkun meħtieġa u proporzjonata, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi fundamentali tas-suġġett tad-*data*, sabiex:

   (a) jiġu evitati l-ostakli għal inkjesti, investigazzjonijiet jew proċeduri uffiċjali jew ġuridiċi;

   (b) jkun evitat li l-prevenzjoni, is-sejbien, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew li l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali jiġu preġudikati;

   (c) tiġi protetta s-sigurtà pubblika;

   (d) tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali; jew

   (e) jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn, bħal vittmi u xhieda.

4. Il-partijiet għandhom jipprevedu li l-awtorità kkonċernata tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub dwar:

   (a) kwalunkwe dewmien, rifjut jew restrizzjoni tal-aċċess u r-raġunijiet għal dan; kif ukoll

(b) il-possibbiltà li jitressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja rispettiva jew li jintalab rimedju ġudizzjarju.

L-informazzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, tista' titħalla barra meta dan jimmina l-fini tad-dewmien, tar-rifjut jew tar-restrizzjoni skont il-paragrafu 3.

Artikolu 15

Dritt għal rettifika, tħassir jew restrizzjoni

1. Il-partijiet għandhom jipprevedu li kwalunkwe suġġett tad-*data* jkollu d-dritt li jikseb mill-awtoritajiet li jipproċessaw id-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim ir-rettifika ta' *data* personali mhux preċiża dwar is-suġġett tad-*data*. Filwaqt li jitqiesu l-finijiet tal-ipproċessar, id-dritt li tinkiseb rettifika jinkludi d-dritt li d-*data* personali mhux kompluta timtela kollha, u tiġi ttrasferita skont dan il-Ftehim.

2. Il-partijiet għandhom jipprevedu li kwalunkwe suġġett tad-*data* jkollu d-dritt li jikseb mill-awtoritajiet li jipproċessaw id-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim it-tħassir ta' *data* personali li tikkonċerna s-suġġett tad-*data* meta l-ipproċessar tad-*data* personali jikser l-Artikolu 10(1) jew l-Artikolu 11(2), jew meta id-*data* personali trid titħassar sabiex ikun hemm konformità ma' obbligu legali li għalih huma soġġetti l-awtoritajiet.

3. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu l-possibbiltà li l-awtoritajiet jagħtu restrizzjoni fl-ipproċessar minflok ir-rettifika jew it-tħassir ta' *data* personali kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 meta:

   (a) il-preċiżjoni tad-*data* personali tiġi kkontestata mis-suġġett tad-*data* u l-preċiżjoni jew l-impreċiżjoni tagħha ma tistax tiġi aċċertata; jew

   (b) id-*data* personali tkun trid tinżamm għal finijiet ta' evidenza.

4. L-awtorità trasferenti u l-awtorità li tipproċessa d-*data* personali għandhom jinfurmaw lil xulxin bil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3. L-awtorità li tipproċessa d-*data* għandha tirrettifika, tħassar, jew tirrestriġi l-ipproċessar tad-*data* personali kkonċernata f'konformità mal-azzjoni li tittieħed mill-awtorità trasferenti.

5. Il-partijiet għandhom jipprevedu li l-awtorità li tkun irċeviet talba skont il-paragrafu 1 jew 2 tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub mingħajr dewmien żejjed li d-*data* personali tkun ġiet rettifikata jew imħassra, jew li l-ipproċessar tagħha jkun ġie ristrett.

6. Il-partijiet għandhom jipprevedu li l-awtorità li tkun irċeviet talba skont il-paragrafu 1 jew 2 tinforma lis-suġġett tad-*data* bil-miktub dwar:

   (a) kwalunkwe rifjut ta' talba u r-raġunijiet għal dan;

   (b) il-possibbiltà li jressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja rispettiva; kif ukoll

   (c) il-possibbiltà li jintalab rimedju ġudizzjarju.

L-informazzjoni elenkata fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, tista' titħalla barra skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(3).

Artikolu 16

Notifika ta' ksur ta' data personali lill-awtoritajiet ikkonċernati

1. Fil-każ ta' ksur ta' *data* personali li jaffettwa d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet rispettivi tagħhom jinnotifikaw lil xulxin kif ukoll lill-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom dwar dan il-ksur mingħajr dewmien, sakemm il-ksur ta' *data* personali ma jkunx probabbli li jirriżulta f'riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, u li jieħdu miżuri biex itaffu l-effetti negattivi possibbli tiegħu.

2. Minn tal-anqas, in-notifika għandha tiddeskrivi:

   (a) in-natura tal-ksur tad-*data* personali, inklużi, fejn hu possibbli, il-kategoriji u l-għadd ta' suġġetti tad-*data* kkonċernati u l-kategoriji u l-għadd ta' rekords ta' *data* personali kkonċernati;

   (b) il-konsegwenzi probabbli tal-ksur ta' *data* personali;

   (c) il-miżuri meħuda jew proposti li jridu jittieħdu mill-awtorità li tipproċessa d-*data* sabiex tindirizza l-ksur ta' *data* personali, inkluż il-miżuri biex ittaffi l-effetti ħżiena li jistgħu jseħħu.

3. Meta, u sa fejn, ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 fl-istess ħin, l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'fażijiet mingħajr dewmien bla bżonn.

4. Il-partijiet għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet rispettivi tagħhom jiddokumentaw kwalunkwe ksur ta' *data* personali li jaffettwa d-*data* personali ttrasferita skont dan il-Ftehim, inklużi l-fatti dwar il-ksur, l-effetti tiegħu u l-azzjoni ta' rimedju li tittieħdet, u b'hekk jippermettu li l-awtorità superviżorja rispettiva tagħhom tivverifika l-konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 17

Komunikazzjoni lis-suġġett tad-data dwar il-ksur tad-data personali

1. Meta l-ksur tad-*data* personali kif imsemmi fl-Artikolu 16 x'aktarx li jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi, il-partijiet għandhom jaraw li l-awtoritajiet rispettivi tagħhom jikkomunikaw il-ksur tad-*data* personali lis-suġġett tad-*data* mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* skont il-paragrafu 1 għandha tiddeskrivi b'lingwaġġ ċar u sempliċi n-natura tal-ksur tad-*data* personali u jkun fiha mill-anqas l-elementi previsti fl-Artikolu 16(2), il-punti (b) u (c).

3. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa jekk:

   (a) id-*data* personali kkonċernata mill-ksur tkun is-suġġett ta' miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi u organizzattivi xierqa li twassal biex id-*data* ma tkun tinftiehem minn l-ebda persuna li ma tkunx awtorizzata taċċessaha;

   (b) ikunu ttieħdu miżuri sussegwenti li jiżguraw li r-riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* ma jkunx għadu probabbli li jseħħ; jew

   (c) tali komunikazzjoni tkun tinvolvi sforz sproporzjonat, b'mod partikolari minħabba l-għadd ta' każijiet involuti. F'każ bħal dan, l-awtorità għandha

toħroġ komunikazzjoni pubblika jew miżura simili li fiha s-suġġetti tad-*data* jiġu informati b'mod daqstant ieħor effettiv.

4. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-*data* tista' ssir aktar tard, tiġi ristretta jew titħalla barra skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(3).

Artikolu 18

Ħżin, reviżjoni, korrezzjoni u tħassir ta' data personali

1. Il-partijiet għandhom jipprevedu limiti ta' żmien xierqa li għandhom jiġu stabbiliti għall-ħżin tad-*data* personali li tingħata skont dan il-Ftehim, jew għal rieżami perjodiku tal-ħtieġa għall-ħżin ta' tali *data,* sabiex din id-*data* ma tkunx maħżuna għal aktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom tkun ġiet trasferita.

2. Fi kwalunkwe każ, il-ħtieġa li d-*data* tibqa' maħżuna għandha tiġi riveduta mhux aktar tard minn tliet snin wara t-trasferiment tad-*data* personali.

3. Meta awtorità trasferenti jkollha raġuni biex temmen li *data* personali li tkun ittrasferiet preċedentement ma tkunx korretta, preċiża, ma tkunx għadha aġġornata, jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità riċeventi, li għandha tirrettifika jew tħassar id-*data* personali u tinnotifika lill-awtorità trasferenti dwar dan.

4. Meta awtorità kompetenti jkollha raġuni biex temmen li d-*data* personali li tkun irċeviet preċedentement ma tkunx korretta, preċiża, tkun skaduta, jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità trasferenti, li min-naħa tagħha għandha tagħti l-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni.

   Meta l-awtorità trasferenti tikkonkludi li d-*data* personali ma kinitx korretta, preċiża, kienet skaduta, jew ma kellhiex tiġi ttrasferita, hija għandha tinforma lill-awtorità riċeventi, li għandha tirrettifika jew tħassar id-*data* personali u tibgħat notifika dwar dan lill-awtorità trasferenti.

Artikolu 19

Reġistrazzjoni u dokumentazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jipprevedu li jinżammu r-reġistrazzjonijiet jew dokumentazzjoni oħra tal-ġbir, it-tibdil, l-aċċess, id-divulgazzjoni, inkluż it-trasferiment ulterjuri, il-kombinament u t-tħassir ta' *data* personali. Għal aktar ċertezza, huma għandhom jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema *data* personali ġiet aċċessata, minn min u meta.

2. Ir-reġistrazzjonijiet jew id-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw lill-awtorità superviżorja jekk titlobhom u għandhom jintużaw biss għall-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data,* l-awtomonitoraġġ u l-iżgurar tal-integrità u s-sigurtà xierqa tad-*data*.

Artikolu 20

Sigurtà tad-data

1. Il-partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jipproteġu d-*data* personali li tiġi ttrasferita skont dan il-Ftehim.

2. Fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-*data*, il-Partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri mfassla biex:

(a) jiċħdu l-aċċess għat-tagħmir li jipproċessa d-*data* użat għall-ipproċessar tad-*data* personali lil persuni mhux awtorizzati ("il-kontroll tal-aċċess għat-tagħmir");

(b) jipprevjenu li jsir il-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzata tal-mezzi tad-*data* ("il-kontroll tal-mezzi tad-*data*");

(c) jipprevjenu li tiddaħħal *data* personali mingħajr awtorizzazzjoni u li din id-*data* personali maħżuna tiġi spezzjonata, modifikata jew mħassra mingħajr awtorizzazzjoni ("il-kontroll tal-ħżin");

(d) ma jħallux li persuni mhux awtorizzati jużaw sistemi awtomatizzati ta' pproċessar ta' *data* bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-*data* ("il-kontroll tal-utenti");

(e) jiżguraw li l-persuni awtorizzati li jużaw sistema awtomatizzata ta' pproċessar tad-*data* jkollhom aċċess biss għad-*data* personali koperta mill-awtorizzazzjoni għall-aċċess tagħhom ("il-kontroll tal-aċċess għad-*data*");

(f) jiżguraw li jkun possibbli li jista' jiġi verifikat u stabbilit lil liema entitajiet tista' tintbagħat id-*data* personali jew inkella tkun intbagħtet bl-użu ta' tagħmir ta' komunikazzjoni tad-*data* ("il-kontroll tal-komunikazzjoni");

(g) jiżguraw li jkun possibbli li jista' jiġi verifikat u stabbilit liema *data* personali tkun iddaħħlet f'sistemi awtomatizzati tal-ipproċessar tad-*data* u meta din id-*data* personali tkun iddaħħlet, kif ukoll minn min ("il-kontroll tal-input");

(h) jipprevjenu li matul it-trasferiment jew it-trasportazzjoni tal-mezzi tad-*data*, id-*data* personali tinqara, tiġi kkuppjata, modifikata jew mħassra mingħajr awtorizzazzjoni ("il-kontroll tat-trasport");

(i) jiżguraw li s-sistemi installati jistgħu, f'każ ta' interruzzjoni, jiġu rranġati minnufih ("l-irkupru");

(j) jiżguraw li l-funzjonijiet tas-sistema jaħdmu mingħajr difetti, li s-sejbien ta' difetti fil-funzjonijiet jiġi rrappurtat minnufih ("l-affidabbiltà") u li d-*data* li tinħażen ma tkunx tista' titgerfex meta s-sistema ma taħdimx sew ("l-integrità").

Artikolu 21

Awtorità superviżorja

1. Il-partijiet għandhom jipprevedu li jkun hemm awtorità pubblika indipendenti waħda jew aktar, li tkun responsabbli mill-protezzjoni tad-*data* biex jissorveljaw l-implimentazzjoni, u jiżguraw il-konformità ma' dan il-Ftehim, għall-fini tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li:

(a) kull awtorità superviżorja taġixxi b'indipendenza sħiħa fit-twettiq tal-kompiti tagħha u f'kif tħaddem is-setgħat tagħha;

(b) kull awtorità superviżorja ma jkollha l-ebda influwenza esterna, la diretta u lanqas indiretta, u la titlob u lanqas taċċetta struzzjonijiet;

(c) il-membri ta' kull awtorità superviżorja jingħataw żmien fil-kariga sigur, inklużi salvagwardji kontra t-tneħħija arbitrarja.

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li kull awtorità superviżorja jkollha r-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-bini u l-infrastruttura meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li kull awtorità superviżorja jkollha setgħat ta' investigazzjoni u ta' intervent effettivi biex teżerċita sorveljanza fuq il-korpi li tissorvelja, u biex tinvolvi ruħha fi proċedimenti ġuridiċi.

5. Il-partijiet għandhom jiżguraw li kull awtorità superviżorja jkollha s-setgħat li tisma' u tindirizza l-ilmenti minn individwi dwar l-użu tad-*data* personali tagħhom.

Artikolu 22

Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kull suġġett tad-*data* jkollu d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv meta jqis li d-drittijiet tiegħu garantiti b'dan il-Ftehim ikunu nkisru wara l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu f'nuqqas ta' konformità ma' dan il-Ftehim.

2. Id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv għandu jinkludi d-dritt għal kumpens għal kwalunkwe dannu li jiġi kkawżat lis-suġġett tad-*data* minn tali pproċessar wara ksur tal-Ftehim u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-qafas legali rispettiv ta' kull Parti.

Kapitolu III
Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

Artikolu 23
Skambju ta' informazzjoni klassifikata jew informazzjoni sensittiva mhux klassifikata tal-UE

Jekk ikun meħtieġ skont dan il-Ftehim, l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata jew sensittiva mhux klassifikata tal-Unjoni, u l-protezzjoni tagħha għandhom jiġu rregolati minn arranġament ta' ħidma konkluż bejn il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

Kapitolu IV
Responsabbiltà

Artikolu 24

Responsabbiltà u kumpens

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli, f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom, għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil individwu bħala riżultat ta' żbalji legali jew fattwali fl-informazzjoni skambjata. Sabiex tiġi evitata r-responsabbiltà skont l-oqfsa legali rispettivi tagħhom fil-konfront ta' individwu li jġarrab id-dannu, la l-Eurojust u lanqas l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu ma jistgħu jsostnu li l-parti l-oħra ttrasferiet informazzjoni mhux preċiża.
2. Jekk awtorità kompetenti tkun ħallset kumpens lil individwu skont il-paragrafu 1, u r-responsabbiltà tagħha tkun ir-riżultat ta' użu ta' informazzjoni li ġiet ikkomunikata lilha bi żball mill-awtorità kompetenti l-oħra, jew ikkomunikata lilha kawża ta' nuqqas min-naħa tal-awtorità kompetenti l-oħra għax ma kkonformatx mal-obbligi tagħha, l-awtorità kompetenti l-oħra għandha tħallas l-ammont li tħallas bħala kumpens, sakemm l-informazzjoni ma tkunx intużat bi ksur ta' dan il-Ftehim.
3. Il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu ma għandhomx jesiġu ma' xulxin li jħallsu lura kumpens għal danni punittivi jew mhux kumpensatorji.

Kapitolu V
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 25

Spejjeż

Il-partijiet għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess, li jirriżultaw matul l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, fl-arranġament ta' ħidma jew f'arranġament separat.

Artikolu 26

Arranġament ta' ħidma

1. Id-dettalji tal-kooperazzjoni bejn il-Partijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu rregolati minn arranġament ta' ħidma konkluż bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu f'konformità mar-Regolament tal-Eurojust.

2. L-arranġament ta' ħidma għandu jissostitwixxi kwalunkwe arranġament ta' ħidma eżistenti konkluż bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu.

Artikolu 27

Rabta ma' strumenti internazzjonali oħra

Dan il-Ftehim la jippreġudika u lanqas jaffettwa jew iħalli impatt b'xi mod ieħor fuq kwalunkwe ftehim bilaterali jew multilaterali dwar kooperazzjoni jew trattat ta' assistenza legali reċiproka, kwalunkwe ftehim jew arranġament ieħor ta' kooperazzjoni, jew relazzjoni ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell ta' ħidma f'materji kriminali bejn l-Libanu u kwalunkwe Stat Membru.

Artikolu 28

Notifika ta' implimentazzjoni

1. Il-partijiet għandhom jipprevedu li kull awtorità kompetenti tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-dettalji ta' kuntatt tagħha kif ukoll dokument li jistabbilixxi, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, informazzjoni dwar is-salvagwardji għad-*data* personali garantiti skont dan il-Ftehim, inkluża informazzjoni li tkopri mill-inqas il-punti msemmija fl-Artikolu 14(1), il-punti (a) u (c), u l-mezzi disponibbli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*. Kull Parti għandha tiżgura li tagħti kopja ta' dak id-dokument lill-parti l-oħra.

2. Jekk ma jkunux diġà fis-seħħ, il-Partijiet għandhom jipprevedu fil-liġi s-salvagwardji u l-obbligi li jinsabu fil-Kapitolu II (Skambju ta' informazzjoni u protezzjoni tad-*data*), u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw regoli li jispeċifikaw kif il-konformità ma' tali dispożizzjonijiet se tiġi infurzata fil-prattika. Kopja ta' dawk id-dispożizzjonijiet legali u r-regoli ta' implientazzjoni għandha tintbagħat lill-Parti l-oħra u lill-awtorità superviżorja rispettiva tagħha.

3. Il-partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar l-awtorità superviżorja responsabbli mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u għall-iżgurar tal-konformità miegħu skont l-Artikolu 21.

Artikolu 29

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri proprji tagħhom ta' proċedura.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu ż-żewġ Partijiet jkunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 jkunu ġew konklużi.

3. Dan il-Ftehim għandu japplika mill-ewwel jum wara d-data li fiha jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) il-Partijiet ikunu ffirmaw arranġament ta' ħidma kif stabbilit fl-Artikolu 26;

   (b) il-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-obbligi stabbiliti f'dan il-Ftehim ġew implimentati, inklużi l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28; kif ukoll

   (c) kull Parti tkun infurmat lill-Parti notifikanti li n-notifika skont il-punt (b) ta' dan is-subparagrafu ġiet aċċettata.

   Il-partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub u jikkonfermaw l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

4. Parti għandha tipposponi t-trasferiment ta' *data* personali fil-każ li, u sakemm, il-Parti l-oħra ma tibqax tiżgura u timplimenta s-salvagwardji u l-obbligi li jinsabu fil-Kapitolu II (Skambju tal-informazzjoni u protezzjoni tad-*data*) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 30

Emendi

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-miktub, fi kwalunkwe ħin, b'kunsens reċiproku bejn il-Partijiet permezz ta' notifika bil-miktub skambjata bejniethom.

2. L-aġġornamenti tal-Annessi ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu miftiehma bejn il-Partijiet permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi.

Artikolu 31

Rieżami u evalwazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jirrieżaminaw b'mod konġunt l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ, u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, u kull meta mitluba minn xi waħda mill-Partijiet u bi ftehim bejn il-Partijiet.

2. Il-partijiet għandhom jevalwaw dan il-Ftehim b'mod konġunt erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ.

3. Il-partijiet għandhom jiddeċiedu minn qabel dwar id-dettalji tar-rieżami u għandhom jikkomunikaw lil xulxin il-kompożizzjoni tat-timijiet rispettivi tagħhom. Kull tim għandu jinkludi esperti rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Soġġett għal-liġijiet applikabbli, kwalunkwe parteċipant f'rieżami għandu jkun obbligat jirrispetta il-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet u jkollu l-awtorizzazzjonijiet tas-sigurtà xierqa. Għall-finijiet ta' kwalunkwe rieżami, il-Partijiet għandhom jiżguraw aċċess għad-dokumentazzjoni, għas-sistemi u għall-persunal rilevanti.

Artikolu 32

Riżoluzzjoni ta' tilwim u ta' sospensjoni

1. Jekk tinqala' tilwima b'rabta mal-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u kwalunkwe kwistjoni relatata miegħu, ir-rappreżentanti tal-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet u f'negozjati bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

2. Minkejja l-paragrafu 1, Parti hija intitolata li tissospendi t-trasferiment ta' *data* personali lil Parti oħra jekk ikollha evidenza sostanzjali li l-Parti l-oħra tkun fi ksur sistematiku jew materjali tat-termini ta' dan il-Ftehim, jew li ksur materjali jkun imminenti. Il-Parti li twettaq is-sospensjoni għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra b'dan.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, fil-każ ta' ksur materjali jew ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi skont dan il-Ftehim jew, jekk ikun hemm indikazzjoni li tali ksur materjali jew nuqqas ta' twettiq tal-obbligi x'aktarx li jseħħu fil-futur qrib, kwalunkwe Parti tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim kompletament jew parzjalment permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra.

   Tali notifika bil-miktub ma għandhiex issir qabel ma l-Partijiet ikunu daħlu f'konsultazzjonijiet għal perjodu raġonevoli mingħajr ma jilħqu riżoluzzjoni. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ 20 jum mid-data tal-wasla ta' tali notifika. Tali sospensjoni tista' titneħħa mill-Parti li tkun għamlet is-sospensjoni permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Is-sospensjoni għandha titneħħa immedjatament malli tasal tali notifika.

4. Minkejja kwalunkwe sospensjoni skont il-paragrafi 2 u 3, l-informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u li tkun ġiet ittrasferita qabel is-sospensjoni tiegħu għandha tkompli tiġi pproċessata b'konformità ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 33

Terminazzjoni

1. Kull Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub li hi jkun biħsiebha ttemm dan il-Ftehim. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data minn meta tasal in-notifika.

2. L-informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ittrasferita qabel it-terminazzjoni tagħha għandha tkompli tiġi pproċessata skont dan il-Ftehim, kif ikun fis-seħħ fid-data tat-terminazzjoni.

3. F'każ ta' terminazzjoni, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar it-tkomplija tal-użu u l-ħażna tal-informazzjoni li tkun diġà ġiet ikkomunikata bejniethom. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, kwalunkwe Parti hija intitolata li titlob li l-informazzjoni li tkun ikkomunikat tinqered jew tintbagħat lura lilha.

Artikolu 34

Notifiki

1. In-notifiki skont l-Artikolu 29(2) għandhom jintbagħtu:

   (a) għal-Libanu, lill-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Libanu;

   (b) għall-Unjoni, lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Kwalunkwe notifika oħra li ssir skont dan il-Ftehim għandhoa tintbagħat:

   (a) għal-Libanu, lill-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Libanu;

   (b) għall-Unjoni, lill-Kummissjoni Ewropea;

2. L-informazzjoni dwar id-destinatarju tan-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi aġġornata permezz ta' mezzi diplomatiċi.

Artikolu 35

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bil-Kroat, bid-Daniż, bin-Netherlandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bl-Għarbi, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi. Fil-każ ta' diverġenza, għandu jipprevali t-test bl-Ingliż.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

*Għall-**Unjoni Ewropea***

*Għar-**Repubblika Libaniża***

ANNESS I

Forom ta’ kriminalità serja (l-Artikolu 3, il-punt (5))

– terroriżmu,

– kriminalità organizzata,

– traffikar ta’ droga,

– attivitajiet ta’ ħasil tal-flus,

– reati konnessi ma’ sustanzi nukleari u radjuattivi,

– faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ persuni,

– traffikar tal-bnedmin,

– reati konnessi ma’ vetturi bil-mutur,

– qtil u offiżi gravi fuq il-persuna,

– kummerċ illeċitu ta’ organi u tessuti tal-bniedem,

– ħtif, żamma illegali u teħid ta’ ostaġġi,

– razziżmu u ksenofobija,

– serq u serq aggravat,

– traffikar illeċitu ta’ beni kulturali, inklużi oġġetti antiki u opri tal-arti,

– ingann u frodi,

– kriminalità kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni,

– abbuż minn informazzjoni pprivileġġjata u manipulazzjoni tas-suq finanzjarju,

– rikattar organizzat u estorsjoni,

– falsifikazzjoni u piraterija tal-prodotti,

– falsifikazzjoni ta’ dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,

– falsifikazzjoni ta’ flus u mezzi ta’ ħlas,

– kriminalità permezz tal-kompjuter,

– korruzzjoni,

– traffikar illeċitu fl-armi, munizzjon u splussivi,

– traffikar illeċitu fi speċijiet ta’ annimali fil-periklu,

– traffikar illeċitu fi speċijiet u varjetajiet ta’ pjanti fil-periklu,

– reati ambjentali, inkluż it-tniġġis mill-bastimenti,

– traffikar illegali ta’ sustanzi ormonali u ta’ promoturi oħrajn ta’ tkabbir,

– abbuż sesswali u sfruttament sesswali, inkluż materjal marbut mal-abbuż tat-tfal u s-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali,

– ġenoċidji, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra.

Il-forom ta’ kriminalità msemmija f’dan l-Anness għandhom jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu f’konformità mal-liġi tal-Libanu.

ANNESS II

L-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu u l-kompetenzi tagħhom

(Artikolu 3, il-punt (3))

L-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu li l-Eurojust tista' tittrasferilhom d-*data* huma kif ġej:

Awtorità	Deskrizzjoni tal-kompetenzi
Il-Ministeru tal-Ġustizzja	Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità ċentrali li tirċievi t-talbiet għal MLA mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u tittrasferihom lill-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Kassazzjoni.
Il-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Kassazzjoni	Il-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Kassazzjoni huwa l-president Ġerarkiku tal-Imħallfin kollha tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni, u din hija r-raġuni l-għaliex għandu jirċievi t-Talbiet Internazzjonali kollha ta' kooperazzjoni għal kawżi relatati mas-Servizz tal-Prosekuzzjoni.
Il-qrati Kriminali u l-Imħallfin	Il-qrati Kriminali huma l-Qorti Kriminali tal-Kassazzjoni, il-Qrati ta' Reati Gravissimi, l-Awli tal-Akkużi, u l-Qrati tal-Appell għal Kontravenzjonijiet f'kull Dipartiment tat-Territorju Libaniż. L-Imħallfin Kriminali huma l-Imħallfin Investigattivi f'kull Dipartiment tat-Territorju Libaniż, u l-uniċi Mħallfin Kriminali Kompetenti għall-Kawżi dwar Kontravenzjonijiet f'kull Distrett.

ANNESS III

Lista ta’ korpi tal-Unjoni

(l-Artikolu 3, il-punt (4))

Korpi tal-Unjoni li magħhom il-Eurojust tista’ tikkondividi *data* personali:

– Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

– L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

– L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)

– L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

– Missjonijiet jew operazzjonijiet stabbiliti skont il-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni, limitati għall-infurzar tal-liġi u l-attivitajiet ġudizzjarji

– L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

– L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)